**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru 2016

Rikors Nru : 311/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet kienu izzewgu permezz tar-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta fit-tmienja u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (28/1/2004)

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono, kuntratt hawn anness.

4. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien iktar minn 4 snin.

5. Illi mhemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess stante li l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin.

6. Illi mhemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

7. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Talbu ghar-ragunijiet fuq imsemmija lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet Edward u Souad Muscat li zzewgu fit-28 ta' Jannar 2004 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16;

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-22 ta' Gunju 2016 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.